MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 397/2010

**AB f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' bintha minuri ECD nominata b'digriet tat-3 ta' Dicembru, 2010**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi minn relazzjoni extra maritali li kellha mal-intimat hija ghandha tifla li jisimha E u li twieldet fit-3 ta' Jannar 2007;

Illi t-tifla mit-twelid taghha dejjem ghexet mal-esponenti fejn ghadha tghix sal-lum u kienet l-esponenti li dejjem hadet hsieb il-bzonnijiet tal-minuri;

Illi l-intimat ghalkemm fil-passat kien okkazzjonalment jikkontribwixxi xi haga zghira, ilu ma jikkontribwixxi minn April 2009 u minn dak iz-zmien l-esponenti kellha trabbi lill-minuri wahedha billi l-intimat ma involva ruhu xejn.

Illi nonostante l-esponenti ilha zmien titlob lill-intimat sabiex jikkontribwixxi lejn it-trobbija tat-tifla E, huwa baqa' inadempjenti u anke ipprova jallega li m'hijiex bintu;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Takkordalha l-poter ta' genitur u kif ukoll il-kura u kustodja tat-tifla minuri E;
2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas somma li tigi likwidata mill-istess Qorti sabiex tikkompensa lill-esponenti ghall-arretrati ta' spejjez minnha inkorsi ghall-manteniment tat-tifla E;
3. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lill-esponenti retta alimentarja relattivament ghall-manteniment tal-minuri E, liema retta ghandha tikkomprendi inter alia kontribuzzjoni lejn spejjez ghall-akkomodazzjoni, ikel, sahha, edukazzjoni, lbies, transport u spejjez medici u tkun revedibbli minn zmien ghal zmien tenut kont tal-izvilupp u trobbija tal-istess minuri;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici ;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li in forza taghha eccepixxa :

1. Huwa qieghed kontestwalment jintavola kawza ohra fl-ismijiet C D Smith vs A B, Kuraturi Deputati tal-minuri E D Smith u d-Direttur tar-Registru Pubbliku, fejn qieghed jitlob li jigi dikjarat li l-minuri E D Smith mhijiex il-wild naturali tieghu u jigi emendat l-att tat-twelid tal-istess minuri billi jigi indikat li hija wild missier mhux maghruf;
2. Illi ghalhekk, dawn il-proceduri ghandhom jigu sospizi, u tigi ordnata s-soprasessjoni taghhom, sakemm ma tigix determinata finalment il-kawza su riferita;
3. Illi, minghajr pregudizzju ghat-talbiet mressqa mill-esponent permezz tal-proceduri su indikati, huwa jiddikjara illi :

   a. In rigward l-ewwel talba, ma ghandux oggezzjoni li l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun fdata lil A B;
   b. In rigward it-tieni talba, ma ghandux jigi kkundannat ihallas ghall-arretrati ta’ spejjez allegatament inkorsi minn A B, stante illi huwa qatt ma kien involut fihom, qatt ma kien infurmat, qatt ma gie muri ebda rendikont dwar l-istess, u qatt ma kellu kuntatt mal-istess minuri, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ dan il-kaz;
   c. A B ghandha tipprova l-ispejjez allegatament inkorsi minnha ghall-minuri E;
   d. In rigward it-tielet talba, ir-rikorrenti ghandha tipprova l-bzonnijiet necessarji tal-minuri u mhux biss ix-xewqat taghha, u jigi eccepit li d-dhul tal-esponent huwa wiehed limitat, u l-ispejjez tieghu huma sostanzjali, u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ dan il-kaz;
   e. Illi l-ispejjez ghandhom ikunu dawk verament essenzjali u mhux spejjez li jeccedu dak verament mehtieg u realment essenzjali;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri ohra premessibbli mil-ligi;

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut ;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti t a' dan il-procediment.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-qorti ghandha quddiemha principalment kawza ghall-kura u l-kustojda tal-minuri E[1] fejn min-naha taghha r-rikorrenti tikkontendi li ghandha tkun fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-istess minuri, b'dan li qed titlob li jkun hemm ordni ghall-hlas ta' manteniment kemm dawk futuri kif ukoll tal-arretrati. L-intimat min-naha tieghu jghid li kontestwalment mal-kawza odjerna ipprezenta kawza li permezz taghha qieghed jitlob li l-minuri ma tibqax indikata bhala bintu, b'dan li jikkontendi li m'ghandu ebda oggezzjoni li r-rikorrenti tigi fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri, izda dwar il-manteniment u l-ispejjez, dawn ghandhom ikunu limitati abbazi tal-introjtu baxx tieghu u l-ispejjez kbar li ghandu.

Illi l-qorti mill-ewwel tirrileva li kawzi bhal ma hija dik prezenti ghandhom jigu decizi abbazi tal-principju generali tal-ahjar interessi tal-minuri.

**<u>Verzjoni tar-rikorrenti</u>**

[1] Ara c-certifikat tat-twelid taghha esebit a fol 4 tal-process

Permezz tal-affidavit taghha[2] r-rikorrenti tghid li bdiet tohrog mal-intimat fis-sena 2005 b'dan li f'April / Mejju 2006 skopriet li kienet harget tqila. Tghid li ghalkemm din it-tqala ma kienitx pjanata, l-intimat kien kuntent u wara ftit marru jghixu flimkien f'post mikri. Damu jghixu flimkien sa' Marzu 2008 meta umbaghad infirdu. It-trobbija tal-minuri waqghet kompletament f'idejha ghalkemm kellha l-ghajnuna tal-genituri taghha. Tghid li minn mindu nfirdu, l-intimat ra lill-minuri darba biss u cioe' f'Jannar 2010. Ma hallas ebda manteniment ghal bintu u qatt ma wera interess fiha.  Tiddikjara li l-minuri tmur l-iskola St. Catherine's f'Pembroke u l-mizata hija dik ta' €1200 fis-sena.

Imbaghad, permezz tax-xiehda taghha *viva-voce,* l-attrici terga' tikkonferma li l-minuri tghix maghha b'dan li tattendi l-iskola ta' St. Joseph, filwaqt li l-intimat jara lil bintu, ghal madwar siegha jew saghtejn fil-gimgha. Tikkonferma li tahdem u li ghandha spejjez relatati mal-minuri fl-ammont ta' €900 fix-xahar.

In kontro-ezami[3], l-attrici tikkonferma li kienet hi li ddecidiet li l-minuri tibda tmur il-*ballet* u liema skola tattendi. Tghid li m'ghandha ebda oggezzjoni li l-intimat jara lil bintu ghal aktar hin izda tghid li ghandha riservi fuq l-access fis-sens li ma tixtieqx li bintha tkun influwenzata hazin minn familjari tal-intimat. Tikkonferma li l-intimat huwa puntwali kemm fil-hlas tal-manteniment kif ukoll fil-hin tal-access.

**<u>Il-verzjoni tal-Intimat</u>**

Permezz tal-affidavit tieghu[4] l-intimat jghid li kien biss dan l-ahhar u cioe' f'Marzu 2014 li l-attrici ma oggezzjonatx sabiex ikollu access ghall-minuri fil-prezenza ta' martu Darcelle ghalkemm qatt ma taghtu spjegazzjoni ghaliex. Jghid li jemmen li jkun aktar ta' gid ghal bintu jekk ikollu l-

[2] Esebit a fol 35 tal-process
[3] Ara x-xhieda taghha esebita a fol 88 tal-process
[4] Esebit a fol 98 tal-process

opportunita' li jehodha mal-familjari tieghu ghaliex ir-relazzjoni ta' bejniethom titjieb. Jghid li hu lest li jkun aktar involut fil-hajja tal-minuri anke billi jmur ghaliha l-iskola, izda jghid li l-attrici ma tantx thallih ikun prezenti fil-hajja ta' bintu. Jghid li ilu jitlob biex iraqqad lil bintu mieghu ghal snin izda l-attrici qatt ma accettat.

Izid jghid li ma jinghata ebda informazzjoni fuq bintu rigward l-iskola, l-attivitajiet extra-kurrikulari u religjuzi taghha. Imur ghall-'Sports Day' ghaliex jisma' dwarha minghand genituri ohra, ghaliex l-attrici ma tinfurmah b'xejn. Jghid li jahdem b'*roster* fejn darbtejn fil-gimgha ma jkunx xoghol u ghalhekk jixtieq li l-access tieghu jizdied b'erba' (4) sieghat kull darba. Jghid li f'Marzu 2014 l-attrici ghamlet pass posittiv ghaliex infurmatu bil-precett tal-minuri u stidnitu flimkien ma' martu ghal din l-okkazjoni. Jghid li apparti l-fatt li qieghed ihallas il-manteniment kif ordnat mill-qorti, offra li jhallas is-somma ta' €250 fix-xahar li jkunu jkopru l-ispejjez edukattivi u medici wkoll. Jipprezenta prospett dwar id-dhul u l-ispejjez tieghu u jipprezenta wkoll abbozz li naturalment qatt ma gie ffirmat mill-partijiet.

**<u>Il-Provi Migbura</u>**

Permezz tal-affidavit taghhom, Marcello B u Maria B jikkonfermaw dak li tghid l-attrici, specjalment ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilita' tal-minuri u l-fatt li l-intimat qatt ma wera interess f'bintu minn mindu l-partijiet isseparaw, b'dan li qatt ma kkontribwixxa finanzjarjament lanqas. Jiddikjaraw li jghinu finanzjarjament ukoll billi jhallsu l-ispejjez edukattivi tat-tifla.

Illi l-attrici pprezentat nota (bhala risposta ghall-abbozz li jipprezenta l-intimat mal-affidavit tieghu) u li permezz taghha kkonfermat li kien biss wara li giet survolata l-kwistjoni tal-paternita' tal-minuri li l-intimat beda jibni relazzjoni maghha. Tghid ukoll li m'ghandha ebda problema li l-access jinbidel izda dwar il-manteniment issostni li mal-ammont dekretat

(u cioe' dak ta' €230 kull 4 gimghat) ghandhom jizdiedu nofs l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri. Tghid ukoll li l-intimat ghandu jhallas ghall-arretrati tal-manteniment.

**Dwar il-Kura u l-Kustodja**

*F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet* ***M. Bonnici vs Onor J. Raynaud***[5] *fejn gie dikjarat li "***Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal***" kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet* ***Dr. V. Randon vs J. Randon***[6] *u* ***Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino***[7] *fejn gie ritenut li "***r-regola generali f'din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat-tfal***".*

In vista ta' dak suespost u in vista tal-provi esebiti in atti, jirrizulta bl-aktar mod car li r-rikorrenti hija idoneja sabiex tigi fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri. Dan qieghed jinghad mhux ghaliex l-intimat jaqbel ma' din it-talba (tant li mhux biss lanqas jipprezenta kontro-talba f'dan is-sens tant li sahansitra jiddikjaraha fir-risposta guramentata tieghu kif ukoll waqt l-udjenza tat-22 ta' Marzu 2011 – ghalkemm irid jinghad li l-istess intimat donnu jbiddel il-fehma tieghu, peress li fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, jghid li ma jaqbilx mal-ewwel talba attrici), izda ghaliex mill-assjem tal-provi m'hemm xejn x'jista' jindika li r-rikorrenti m'hijiex qed trabbi lill-minuri b'mod tajjeb. Kienet ir-rikorrenti li matul dawn is-snin kollha hadet hsieb lill-minuri. Tenut kont li ma jirrizulta xejn li jista' jwassal lil din il-qorti li l-minuri tista' tigi pregudikata jekk tkompli tikber ma' ommha, jinghad li *se mai* il-pregudizzju jkun jekk ma tkomplix tghix ma' ommha, ghalhekk il-qorti m'ghandha ebda raguni ghaliex m'ghandhiex tilqa' l-ewwel talba attrici.

**Dwar l-access**

[5] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1947, Vol. 33D 1947
[6] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972
[7] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972

Kif inghad aktar ‘il fuq, l-intimat ma jressaq ebda forma ta’ kontro-talba u konsegwentement m’hemm ebda talba ghal access favur il-missier. It-talbiet attrici ma jikkontemplaw ebda access. Madanakollu, *pendente lite* l-qorti ordnat access fil-prezenza tal-omm favur il-missier kull nhar ta’ Sibt bejn is-2.00pm u l-4.00pm[8]. Il-qorti tirrileva li fic-cirkustanzi tista’ biss tistieden lill-partijiet sabiex jiftehmu b’mod liberu bejniethom dwar l-access, b’dan li f’kaz li ma jiftehmux, allura ghandu jkun hemm access ta’ darbtejn fil-gimgha f’dawk il-granet fejn l-intimat ma jkunx xoghol u access b’mod alternattiv fil-*weekends* bejn il-Gimgha mill-5.00pm sas-Sibt fis-2.00pm, u l-gimgha ta’ wara mill-gurnata tas-Sibt fil-5.00pm sal-Hadd fis-2.00pm. Il-qorti taghmilha cara li tali hinijiet huma biss rakkomandazzjonijiet bil-ghan li l-istess partijiet ma jergghux jidhlu l-qorti fuq kwistjonijiet ta’ access, izda taghmilha cara li tali hinijiet m’humiex fuq ordni taghha peress li m’hemm ebda talba specifika ghal access.

**<u>Dwar il-manteniment</u>**

Il-qorti taghmel referenza ghar-rikors tal-attrici datat it-18 ta’ Novembru 2010[9] u d-dokumenti annessi fosthom il-prospett tal-ispejjez[10], tliet (3) *pay-slips* tax-xoghol taghha li jindika dhul gross ta’ mhux anqas minn €1133.55[11]. l-attrici tiddikjara bil-gurament ukoll li saz-zmien li sar l-imsemmi rikors, l-intimat ma kienx ihallas manteniment ghall-minuri u f’okkazjonijiet rari kien jikkontribwixxi xi haga pero’ mhux b’mod kostanti fix-xahar. Tghid li l-ahhar darba li l-intimat hallas xi manteniment kien f’Marzu 2009[12]. Min-naha tieghu l-intimat jiddikjara li ghandu introjtu ta’ €1116.66 fix-xahar[13] b’dan li jipprezenta l-FS3 relattiva ghas-sena 2009 li turi introjtu ta’ €15,790. Permezz ta’ digriet datat il-11 ta’ Jannar 2011[14], l-intimat gie ordnat ihallas is-somma ta’ mitejn u tletin Euro (€230) kull erba’ gimghat. Jigi rilevat ukoll li mix-xiehda ta’ Annika Galea in

[8] Ara d-digriet tal-5 ta’ Settembru 2011 a fol 54 tal-process
[9] Esebit a fol 16 tal-process
[10] Esebit a fol 17 tal-process
[11] Ara a fol 18 - 20 tal-process
[12] Ara l-affidavit taghha esebit a fol 21 tal-process
[13] Ara r-risposta tieghu esebita a fol 24 tal-process
[14] Ara a fol 28 tal-process

rapprezentanza tal-Hilton Hotel, jirrizulta li l-introjtu tal-intimat ghas-sena 2012 kien dak ta' €19,933[15] filwaqt li l-*pay-slips* ghax-xhur ta' Marzu sa' Mejju 2013[16] juru li ghandu introjtu *net* ta' mhux anqas minn €1600 fix-xahar. Imbaghad, fix-xiehda tieghu in kontro-ezami, l-intimat jiddikjara li biddel ix-xoghol u li prezentement ghandu introjtu ta' €28,000 *gross* fis-sena[17].

Wara li rat id-dokumenti esebit in atti, tenut kont tal-fatt li l-minuri ser tkompli tirrisjedi flimkien mar-rikorrenti ommha u tenut kont tal-fatt li z-zewg partijiet ghandhom impjieg fiss, il-qorti tikkonferma l-manteniment dovut versu l-minuri fl-ammont ta' €230 kull 4 gimghat izda mieghu izzid li l-intimat ghandu jhallas ukoll ghal nofs l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri, bil-prezentata tal-ircevuti.

Kwantu ghat-talba ta' arretrati ta' manteniment, il-qorti tirrileva li l-intimat ma jikkontestax il-fatt li kien hemm zmien fejn ma hallas ebda forma ta' manteniment ghal bintu (tant li kien hemm zmien fejn kien qed jikkontesta anke l-paternita' tal-istess minuri). L-attrici tghid li l-ahhar manteniment li hallas l-intimat kien f'Marzu 2009. Il-kawza odjerna giet intavolata f'Novembru 2010 u ghalhekk, anke abbazi ta' dak li tikkontendi l-attrici (fis-sens li ma kien hemm ebda forma ta' hlas da parti tal-intimat versu bintu), kif ukoll abbazi tal-fatt li l-attrici stess tikkonferma li minn mindu l-qorti ddekretat manteniment ta' €230 kull 4 gimghat u cioe' nhar il-11 ta' Jannar 2011[18], l-intimat kien regolari fil-hlas tieghu, allura l-manteniment dovut f'arretrati jammonta ghall-manteniment relattiv ghall-perjodu ta' bejn April 2009 u Dicembru 2010 u cioe' sena u tmien xhur. Abbazi tal-ammont dekretat f'Jannar 2011, il-qorti tillikwida l-arretrati ta' manteniment fl-ammont ta' €230 kull xahar ghall-perjodu ta' ghoxrin (20 ) xahar li jammontaw ghal erbat elef u sitt mitt Euro (€4600).

[15] Ara l-FS3 relattiva ghas-sena 2012 esebita a fol 82 tal-process
[16] Ara a fol 83 - 85 tal-process
[17] Ara a fol 127 tal-process
[18] Ara a fol 28 tal-process

Ghalhekk, fid-dawl ta’ dak citat, il-qorti qieghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri E f’idejn ir-rikorrenti b’mod esklussiv;

2. Tilqa’ t-tieni talba u tordna lill-intimat ihallas is-somma ta’ erbat elef u sitt mitt Euro (€4600) bhala arretrati ta’ manteniment versu l-minuri;

3. Tilqa’ t-tielet talba u tordna lill-intimat ihallas is-somma ta’ €230 kull erba`(4) gimghat bhala manteniment ghal bintu *oltre* nofs l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni, liema manteniment ghandu jibqa’ jithallas *di fermo* sakemm il-minuri taghlaq l-eta’ ta’ 18 –il sena. Bejn l-eta’ ta’ 18 –il sena u l-eta’ ta’ 23 sena, l-istess manteniment ikun dovut biss f’kaz li l-minuri tkun qed tistudja fuq bazi *full-time*;

Bl-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn iz-zewg partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------